**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 681/01**

**Il-Pulizija**
**(Sp.Walter Spiteri)**

**vs**

**John Mary Magro ta' 37 sena, iben Angelo u Doris nee Farrugia, mwieled Pieta' fit-2 ta' Lulju, 1964 u residenti 27, Notre Dame, Triq il-Parrocca, Hal-Kirkop, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 359364 (M).**

**Illum 26 ta' April, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi John Mary Magro li gie akkuzat talli fl-10 ta' Mejju, 2000 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, bhala detentur tal-fond numru 27, Notre Dame, Triq il-Parrocca, Hal-Kirkop ukoll wara nzul ix-xemx, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom segha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' l-elettriku, tal-kwalita' mehuda jew ikkunsmata, ikkommetta serq ta' dawl ta' l-elettriku mill-fond 27, Notre Dame, Triq il-Parrocca, Hal-Kirkop fl-ammont li huwa aktar minn mitt liri Maltin izda inqas minn elf liri Maltin, jew bhala detentur tal-fond jew il-persuna li ghandha l-fond imsemmi, fejn instabu dawn il-mezzi qarrieqa, ghad-

dannu tal-Korporazzjoni Enemalta u liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u ammont.

Il-Qorti giet mitluba li barra mill taghti l-piena' stabilita mil-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta' l-esperti mahtura mill-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-Ammissjoni ta' l-imputat. Rat li l-Avukat Difensur ghadda s-somma ta' Lm 140 lil Silvio Decelis, Rapprezentant ta' l-Enemalta ghas-saldu tas-somma pretiza fl-akkuza. Rat l-artiklu 261, 263, 264, 267, 270, 278, 17, 18 tal-Kap 9. Rat l-Artiklu 9 tal-Kap 152 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.